# IL-VJOLINI

*Mark A Falzon*

Il-vjolini huma għasafar miġbura fil-grupp *Phylloscopus*, li ma' gruppi oħra jiffurmaw il-familja *Sylviidae*. Din tiġbor fiha 339 speċi mferrxa mad-dinja. Il-vjolini huma x'aktarx għasafar żgħar, fuq tagħhom u b'lewn ħafna drabi isfar u aħdar. Dawn jinstabu kważi dejjem fejn ikun hemm siġar, arbuxxelli jew ħxejjex imdaqqsin oħra. Fil-gżejjer tagħna s'issa dehru tmien speċi, iżda wieħed jiltaqa' l-aktar mal-vjolin tax-xitwa, il-vjolin ħadrani u l-vjolin pastard.

## IL-VJOLIN TAX-XITWA

Kif jixhed ismu, dan il-vjolin iqatta' x-xitwa magħna u narawh minn Ottubru sa Marzu, għalkemm xi waħdiet jidhru f'Settembru u f'April. Huwa komuni sew, tant li wieħed jista' jiltaqa' miegħu kulfejn hemm ftit ħdura, għalkemm fil-widien bl-ilma u l-qasab jidher f'għadd akbar. X'aktarx li l-għasfur ċkejken ħadrani li naraw fil-ġnien jew fil-bitħa tad-dar fix-xitwa jkun dan il-vjolin. Wieħed m'għandux isibha bi tqila biex jagħraf il-vjolin tax-xitwa: aħdar mitfi minn fuq u abjad b'daqqiet sofor ċari minn taħt, saqajh suwed u munqaru skur u mislut. Huwa iżgħar sew mill-għasfur tal-bejt u jiżen biss madwar 7-8 grammi. Meta niltaqgħu miegħu dejjem insibuh iħuf minn fergħa għal oħra jfittex l-insetti rqaq li huma l-ikel tiegħu. Ħxejjex bħal karfus il-ħmir, li f'Marzu jagħmel ward li jiġbed lejh ħafna insetti, huma l-favoriti tiegħu. Ta' min isemmi wkoll li fix-xitwa ġieli jidher isoff in-nektar minn




*1. Il-vjolin tax-xitwa*
*2. Il-vjolin ħadrani*
*3. Il-vjolin pastard*


1996

fjuri bħall-ponsjetta u l-bifra. Meta jkun magħna, u l-aktar meta tagħmel xi ġurnata sabiħa fix-xitwa, il-vjolin tax-xitwa jinstema' jgħanni għanja ħelwa *ziff-zaff*, li wasslet biex l-Ingliżi jsejħulu *Chifchaff*. Fi Frar, f'postijiet bħar-riserva ta' l-Għadira, jkun hemm orkestra sħiħa ta' vjolini. Minn studju biċ-ċrieket imniedi mill-kumitat tar-riċerka tal-MOS (illum *BirdLife*), sar magħruf li l-vjolin tax-xitwa li naraw, jiġi mill-inħawi tal-Lvant u l-Iskandinavja. Nafu wkoll li dan l-għasfur jerġa' lura fl-istess inħawi sena wara sena; saħansitra hemm xi waħdiet li għal sitt ixtiewi wara xulxin baqgħu jiġu eżatt fejn ġew irringjati fl-ewwel sena. Dan juri kemm l-għasafar għandhom ħila jagħmlu titjiriet twal u jsibu l-imkejjen li jkunu mdorrijin bihom. Il-vjolin tax-xitwa jinġibed ħafna lejn l-ilma, u min jagħmel għadira ċkejkna fil-bitħa jista' joqgħod żgur li llum jew għada dan l-għasfur iżuru u jibqa' jiġi ta' spiss.

## IL-VJOLIN ĦADRANI

Dan il-vjolin hu għasfur tal-passa, jiġifieri jżurna darbtejn fis-sena, iżda ma jibqax hawn għal żmien twil. Fir-rebbiegħa hu komuni ħafna matul April u Mejju u mhux l-ewwel darba li jidher f'numri kbar ħafna. Fil-ħarifa jidher f'għadd iżgħar minn nofs Awwissu sa Ottubru. Ta' min jgħid li ġieli jqatta' xi ftit jiem magħna waqt il-passa, u dan nafuh minn studji biċ-ċrieket. Fil-fehma tiegħi, il-vjolin ħadrani hu l-isbaħ fost il-vjolini li jżuruna. Minn fuq hu aħdar sabiħ u taħt għonqu u l-parti ta' fuq ta' sidru għandhom lewn isfar li jaqta' ma' l-abjad safi ta' żaqqu. Saqajh huma x'aktarx ċari fuq il-kannella: dan kollu jagħżlu mill-vjolin tax-xitwa. Ġwinħajh huma itwal sewwa minn dak tal-vjolin tax-xitwa. Tajjeb li niftakru li l-għasafar ta' l-Ewropa li jpassu huma miġbura f'żewġ gruppi. Grupp minnhom huwa dak li fil-ħarifa jpassi 'l isfel u jqatta' x-xitwa fil-Mediterran. Fost dawn insibu l-vjolin tax-xitwa, il-kapinera, u l-pitirross. Il-grupp l-ieħor jibqa' nieżel




*Il-vjolin bajdani*

u jqatta' x-xitwa fl-Affrika tan-Nofs u t'Isfel. Dan il-grupp jissejjaħ 'Trans-Saharan', għaliex fi triqtu jkollu jaqsam id-deżert tas-Sahara. Fost dawn insibu l-vjolin ħadrani, il-bekkafik u l-bekkafik aħmar. Fir-rebbiegħa ż-żewġ gruppi jitilgħu lura lejn l-Ewropa biex ibejtu. Din id-differenza fit-tul li jridu jtiru tista' tixħet dawl fuq għaliex il-ġwienaħ tal-vjolin ħadrani proporzjonalment huma itwal minn dawk tal-vjolin tax-xitwa: ta' l-ewwel jaqsam is-Sahara darbtejn fis-sena filwaqt li l-ieħor jibqa' fil-Mediterran. Dan kollu jurina li l-passa hi ħaġa li ssaħħarna u li għandha sseddaq il-fehma tagħna li napprezzaw u nħarsu l-għasafar.

## IL-VJOLIN PASTARD

Bħall-vjolin ħadrani, il-vjolin pastard hu wkoll komuni sew fir-rebbiegħa, minn Marzu sa Mejju, kif ukoll fil-ħarifa, minn Awwissu sa Ottubru. Meta jidher f'Marzu u f'Ottubru, wieħed jista' jitfixklu mal-vjolin tax-xitwa, li jixbħu ħafna. Madankollu l-vjolin pastard ħafna drabi jkollu saqajh ċari u l-aħdar tiegħu huwa isbaħ. Fl-idejn, jiġifieri waqt l-istudju biċ-ċrieket, jintgħaraf malajr minn xi differenza żgħira fl-għamla tar-rix. Mhux l-ewwel darba li waqt il-passa jqatta' xi ftit jiem magħna, u hawn wieħed ġieli jisimgħu jgħanni l-għanja melodjuża tiegħu, li hi differenti ferm minn dik tal-vjolin tax-xitwa.

## IL-VJOLINI L-OĦRAJN

Vjolin ieħor li huwa rari sew fil-passa hu l-vjolin bajdani. Dan hu aktar griż minn fuq u abjad safi minn taħt. Madankollu, wieħed irid xi ftit esperjenza biex jagħrfu. Minn żmien għal żmien, l-aktar fit-taqlib tat-temp tal-ħarifa, ġieli jidhru xi speċi oħra li huma rari ferm: il-vjolin ta' l-Artiku, il-vjolin tal-faxx, il-vjolin ta' Pallas u l-vjolin ta' Radde. Dawn huma rari ħafna għaliex il-gżejjer tagħna ma jinstabux fir-rotta tagħhom, u l-waħdiet li jidhru x'aktarx ikunu għasafar li tilfu t-triq minħabba l-maltemp, ir-riħ jew fatturi oħra. Wieħed jista' jżid li l-kaċċaturi u n-nassaba qajla jagħtu kas ta' dawn l-għasafar, forsi għaliex huma żgħar wisq u għandhom dieta delikata, biex jgħixu fil-magħluq. Hekk għandu jkun għall-għasafar kollha, forsi xi darba aħna l-Maltin ukoll ikollna x-xorti kbira li naraw aktar ilwien u nisimgħu aktar għanjiet madwarna. O